StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2009**

DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

**Karta tal-Għalliema**
**Gwida għat-tmexxija tal-eżami tal-Fehim mis-Smigħ**
**Riżorsi:**

1. Test li jinqara
2. Karta tal-mistoqsijiet
3. Riga u lapes

INTRODUZZJONI: Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliem/a j/tgħid lit-tfal li:**

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | • il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel<br>• se tinqralhom l-istorja ***Żjara fl-Imdina***<br>• għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari | **(3 minuti)** |
| **2.** | • jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq<br>• l-għalliem/a j/taqralhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn | **(3 minuti)** |
| **3.** | • jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tat-test<br>• ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari | **(3 minuti)** |
| **4.** | • għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq<br>• għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba<br>• jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija | **(5 minuti)** |
| **5.** | • se jinqralhom it-test għat-tielet darba<br>• jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari | **(3 minuti)** |
| **6.** | • jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba | **(3 minuti)** |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ) | ĦIN: 30 MINUTA |
|---|---|---|

## Żjara fl-Imdina

***L-ewwel parti***

1. Kien l-Erbgħa 28 ta' Jannar 2009. Aħna l-istudenti taż-żewġ klassijiet tal-ħames sena, il-klassi ta' Miss Vella u l-klassi ta' Miss Cassar, morna nżuru l-belt tal-Imdina. Jiena, Darren Xuereb, fil-klassi ta' Miss Cassar, se ngħidilkom ftit x'rajna u x'għamilna waqt din il-ħarġa edukattiva.

2. L-għalliema tagħna kienu ilhom jgħidulna x'se naraw. Waqt il-lezzjonijiet konna noqogħdu nfittxu t-tagħrif fuq l-Imdina permezz tal-Internet. Niżżilna ħafna ritratti u tagħrif sibna kemm ridna. L-għalliema ħejjew ukoll ktejjeb biex nimlewh meta nkunu fuq il-post.

3. Il-jum tant mistenni wasal. Aħna ħadna magħna l-ktejjeb u *biro* biex niktbu. Mat-tokki tat-tmienja, tlajna f'kowċ kbira bħal dik li jużaw it-turisti.

4. Bejn għax fit-triq traffiku kien hemm ftit li xejn u bejn għax l-għalliema qagħdu jkellmuna fuq l-Imdina, wasalna l-Imdina malajr.

***It-tieni parti***

5. Aħna u deħlin mill-bieb ewlieni, rajna ħafna turisti deħlin. Jien qbadt il-kamera diġitali u bdejt nieħu xi ritratti. F'kemm trodd salib ħadt ħafna ritratti, fosthom tal-Bieb Ewlieni, tat-Torri tal-Istandard, tal-Mużew tal-Istorja Naturali, tal-Katidral u tad-Dar Normanna.

6. Meta wasalna fil-pjazza, ittawwalna 'l isfel minn fuq is-sur. Minn dak l-għoli rajna ħafna postijiet Maltin. Kulħadd baqa' b'ħalqu miftuħ. Veru għandna biex niftaħru. Malta sabiħa wisq.

7. Kontra qalbna f'nofsinhar tlaqna lejn l-iskola. Meta wasalna fil-klassi, aħna t-tfal niżżilna r-ritratti fuq il-kompjuter. Qgħadna narawhom u, flimkien mal-għalliema, ftehemna kif se naħdmu fuq il-proġett tal-Imdina.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

***L-ewwel parti***

1. Il-ħarġa fl-Imdina saret
   - f'Ottubru.
   - f'Novembru.
   - f'Diċembru.
   - f'Jannar.

2. Qed jirrakkonta
   - Michael Vella.
   - Darren Xuereb.
   - Mario Cassar.
   - Silvio Zammit.

3. Waħda mill-għalliema kienet
   - Miss Xuereb.
   - Miss Cassar.
   - Miss Fenech.
   - Miss Grima.

4. Fil-klassi t-tfal sabu xi tagħrif
   - mill-Internet.
   - minn ktieb.
   - mit-televixin.
   - minn DVD.

5. It-tfal ħadu magħhom
   - lapes u karta.
   - *biro* u ktejjeb.
   - kamera u *video*.
   - basket żgħir bl-ikel.

6. Biex marru l-Imdina użaw
   - xarabank.
   - ħames *mini-buses*.
   - kowċ kbira.
   - prajvit kbira.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*It-tieni parti*

7. Huma u deħlin l-Imdina raw
- tal-qubbajt.
- ħafna karrozzini.
- xi tfal ta' skola oħra.
- ħafna turisti.

8. Ir-ritratti ħadhom
- l-awtur.
- l-għalliem.
- il-Kap tal-iskola.
- il-gwida.

9. Meta waslu l-iskola
- niżżlu r-ritratti fuq il-kompjuter.
- kellhom lezzjoni tal-Matematika.
- qagħdu jpinġu.
- kitbu komponiment.

**Aqta' sing taħt it-tifsira t-tajba.**

10. ***F'kemm trodd salib*** tfisser
- malajr ħafna.
- tħenn.
- titkellem bl-edukazzjoni.
- titlob.

11. ***B'ħalqu miftuħ*** tfisser
- bil-ġuħ.
- għajjien ħafna.
- mistagħġeb.
- miftuħ beraħ.

12. ***Kontra qalbna*** tfisser
- qalbna tajba.
- kif suppost.
- mill-ewwel.
- mhux hekk ridna.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI (FEHIM MIS-SMIGĦ)** **ĦIN: 20 MINUTA**

**Isem u Kunjom:** ______________________________________

**Klassi:** __________________________

Tikteb xejn qabel ma tingħata l-ordni.
Oqgħod attent/a l-ħin kollu.
Ara li tkun weġibt sewwa.

Marki: 1 – 9 (marka kull waħda)
10 – 12 (2 marki kull waħda)

**Total: 15-il marka**

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

*L-ewwel parti*

1. Il-ħarġa fl-Imdina saret
   f'Ottubru.
   f'Novembru.
   f'Diċembru.
   f'Jannar.

2. Qed jirrakkonta
   Michael Vella.
   Darren Xuereb.
   Mario Cassar.
   Silvio Zammit.

3. Waħda mill-għalliema kienet
   Miss Xuereb.
   Miss Cassar.
   Miss Fenech.
   Miss Grima.

4. Fil-klassi t-tfal sabu xi tagħrif
   mill-Internet.
   minn ktieb.
   mit-televixin.
   minn DVD.

5. It-tfal ħadu magħhom
   lapes u karta.
   *biro* u ktejjeb.
   kamera u *video*.
   basket żgħir bl-ikel.

6. Biex marru l-Imdina użaw
   xarabank.
   ħames *mini-buses*.
   kowċ kbira.
   prajvit kbira.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

***It-tieni parti***

7. Huma u deħlin l-Imdina raw
   - tal-qubbajt.
   - ħafna karrozzini.
   - xi tfal ta' skola oħra.
   - ħafna turisti.

8. Ir-ritratti ħadhom
   - l-awtur.
   - l-għalliem.
   - il-Kap tal-iskola.
   - il-gwida.

9. Meta waslu l-iskola
   - niżżlu r-ritratti fuq il-kompjuter.
   - kellhom lezzjoni tal-Matematika.
   - qagħdu jpinġu.
   - kitbu komponiment.

**Aqta' sing taħt it-tifsira t-tajba.**

10. ***F'kemm trodd salib*** tfisser
    - malajr ħafna.
    - tħenn.
    - titkellem bl-edukazzjoni.
    - titlob.

11. ***B'ħalqu miftuħ*** tfisser
    - bil-ġuħ.
    - għajjien ħafna.
    - mistagħġeb.
    - miftuħ beraħ.

12. ***Kontra qalbna*** tfisser
    - qalbna tajba.
    - kif suppost.
    - mill-ewwel.
    - mhux hekk ridna.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL PRIMARJI 2009**

Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni

Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

| IL-ĦAMES SENA | MALTI (KITBA) | ĦIN: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

Isem ________________________________

Klassi ________________________________

TOTAL TAL-MARKI

AQRA SEWWA DAN LI ĠEJ:

- Imla ismek u l-isem tal-klassi. TAQLIBX IL-PAĠNA QABEL JGĦIDULEK.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ara li tkun fhimt sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn; imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.




www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

***Aqra sew din is-silta.***

## *Il-Bidla fil-Klima*

"Issa oqogħdu attenti għas-sur Borg. Ilbieraħ smajtu jgħid li l-lezzjoni tal-lum sejra tkun dwar il-bidla fil-klima. Tinsewx li l-bidla fil-klima qiegħed jkollha effett fuq kulħadd u għalhekk fuqna wkoll," qalet l-omm għasfura lil uliedha. Kienet preżenti fil-klassi mhux għax kienet mistiedna ma' wliedha. *(par. 1)*

"U mur ara!" stagħġeb Brillu, wieħed mill-ulied li kien daqsxejn imqarqaċ. "Dan il-kliem ili nisimgħu ħafna u donnu li t-temp tħawwad, għax filli tkun sħana qawwija u filli jinfetħu bwieb is-sema, tixxarrab għasra u f'kemm trodd salib issir fellus. Naħseb li dan kollu tort tal-bniedem għax jagħmel li jrid. Għandna nifisna maqtugħ b'dawn id-dħaħen kollha ħerġin mill-karozzi, ċmieni, nirien u gassijiet," tenna Brillu. "U xi ngħidu għall-bini li tiela' u tiela' fejn darba konna nsibu sfog u ngawdu l-beraħ? Il-bniedem għad jasal li jeqred is-sabiħ kollu li ħalaq Alla." *(par. 2)*

L-omm kollha ħlewwa sikktet lil binha biex tisma' x'kellu jgħid l-għalliem. Ma riditx titlef kelma waħda biss milli beda jgħid l-għalliem. *(par. 3)*

L-għalliem beda l-lezzjoni billi fuq il-*monitor* wera x'inhu jsir fl-iktar partijiet kesħin tad-dinja. B'attenzjoni kbira t-tfal tal-klassi bdew jifhmu kliem l-għalliem waqt li jsegwu *video*. "Xi ġmiel ta' pajjiż! Ara dak l-ors abjad kemm hu ħelu! Min jaf x'kesħa hemm!" stagħġbu l-istudenti f'din il-klassi. Imma l-ferħ tal-istudenti malajr tar mar-riħ, hekk kif fuq il-*video* raw li s-silġ beda jdub u ħafna mill-orsijiet mietu bil-ġuħ għax ma setgħux imorru minn naħa għal oħra biex ifittxu l-ikel." *(par. 4)*

"Ajma, ħej! Kemm hu sew li ma noqogħdux hemm", qalet Trilla lil ommha u liż-żewġ ħutha. *(par. 5)*

L-għalliem wera partijiet oħra tal-effett tal-bidla fil-klima. L-istudenti baqgħu b'ħalqhom miftuħ meta raw kif partijiet tad-dinja li darba kienu foresti issa kienu saru deżert. Ħafna pajjiżi issa kienu spiċċaw mgħarrqa bl-ilma jew niexfa qoxqox, bla ilma xejn. "U xi ngħidu għas-sħana jew kesħa u l-livell tal-baħar li dejjem qiegħed jogħla!" qalet Ramona minn postha. *(par. 6)*

"Nispera li llum qabel għada nagħmlu minn kollox biex infejqu lid-dinja tagħna," qal l-għalliem. *(par. 7)*

"Irridu bilfors innaqqsu t-tniġġis, nibżgħu għall-ambjent, innaqqsu l-użu taż-żejt u nużaw enerġija nadifa ġejja mix-xemx u mir-riħ li ma tagħmilx ħsara," wieġbu xi studenti għad-domandi tal-għalliem. *(par. 8)*



"Anzi fl-aħħar jidher li l-bniedem sar konxju li jrid jagħmel xi ħaġa biex jibża' għad-dinja li hija tagħna lkoll," qalet l-omm lil uliedha fil-ventilatur tal-klassi. *(par. 9)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

*A. Issa aqra, ifhem u wieġeb b'***sentenzi sħaħ***.*
*Tagħmilx żbalji fil-kitba.* **(13-il mark**

1. X'kien is-suġġett tal-lezzjoni? ______________________________

______________________________ (1)

2. Min kien Brillu? ______________________________

______________________________ (1)

3. Semmi r-raġuni għaliex skont Brillu t-temp tħawwad. ______________

______________________________ (1)

4. Sib **aġġettiv** minn paragrafu 2 li jiddeskrivi lil Brillu.

______________________________ (1)

5. Għaliex l-omm sikktitu lil binha? ______________________________

______________________________ (1)

6. Iddeskrivi l-post fejn jgħix l-ors abjad. ______________________

______________________________ (1)

7. Għaliex l-orsijiet bojod qegħdin imutu bil-ġuħ? __________________

______________________________ (1)

8. Sib mis-silta effett negattiv li qiegħda ġġib magħha l-bidla fil-klima.

______________________________

______________________________ (1)

9. Mis-silta sib l-espressjonijiet li jfissru dawn:

(a) tagħmel ħafna xita *(par. 2)*______________________________ (1)

(b) malajr ħafna *(par. 2)* ______________________________ (1)

(ċ) stagħġbu *(par. 6 )*______________________________ (1)

(d) kemm jista' jkun malajr *(par. 7)*______________________________ (1)

10. Min kienet omm Brillu? ______________________________

______________________________ (1)

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

B. ***Immarka b'salib** ħdejn kull sentenza taħt Veru jew Falz.* **(8 marki)**

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 1. | Il-bidla fil-klima qed ikollha effett fuq kulħadd. *(par. 1)* | X | |
| 2. | L-għalliem tal-klassi stieden lil omm Brillu. *(par. 1)* | | |
| 3. | Brillu kien kwiet u mistħi ħafna. *(par. 2)* | | |
| 4. | Il-bniedem qiegħed joħloq ħafna mit-tniġġis. *(par. 2)* | | |
| 5. | Omm Brillu sikktet lil Brillu bl-herra. *(par. 3)* | | |
| 6. | L-ors abjad jgħix f'pajjiżi sħan ħafna. *(par. 4)* | | |
| 7. | Trilla kellha żewġ ħutha. *(par. 5)* | | |
| 8. | Il-livell tal-baħar dejjem qiegħed jitbaxxa. *(par. 6)* | | |
| 9. | L-enerġija mix-xemx u mir-riħ hija nadifa. *(par. 8)* | | |

*Ċ. Aqta' sing taħt il-kelma li ma taqbilx mal-oħrajn.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(7 marki)***

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 1. | Brillu | <u>klassi</u> | Ramona | Trillu | Borg |
| 2. | Malta | L-Imdina | Il-Qrendi | Iż-Żebbuġ | Il-Qala |
| 3. | xita | riħ | dgħajsa | sajjetta | kesħa |
| 4. | ħanut | marid | sptar | klassi | knisja |
| 5. | telaq | seraq | kiser | fetħuh | xorob |
| 6. | idħol | oħroġ | oħxon | iftaħ | ikteb |
| 7. | imqarqċa | telqet | sabiħa | miftuħa | intelliġenti |
| 8. | xorob | lagħab | kisret | daħal | feraħ |

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*D. Oħroġ* ***aġġettiv fil-komparattiv jew fis-superlattiv*** *mill-kliem miktub skur.*

*L-ewwel waħda lesta.* **(5 marki)**



1. It-tigra eħfef **(ħafif)** mill-iljunfant.
2. Għalkemm jiena fl-età ________________ **(kbir)** waħda, jiena ________________ **(qasir)** waħda fil-klassi.
3. Is-siġra taż-żebbuġ li hemm f'tarf ir-raħal hija ________________ **(xiħ)** mill-ħarruba li hemm fil-ġnien.
4. Oħti ________________ **(ħażin)** minn ħija, minkejja li hija ____________ **(żgħir)** minnu.

*E. Ifhem is-sens ta' din is-silta.*
*Wara daħħal* ***kliem*** *fil-vojt li jagħti sens lis-silta.*
*L-ewwel waħda lesta.* **(10 marki)**



Minn dejjem xtaqt li jkolli rota. Sena ilu qtajt xewqti ________________ il-ġenituri tiegħi xtrawli waħda u tawhieli bħala ________________.

Dakinhar f'għeluq ________________ ridt intir bil-________________. Qatt ma bsart li se naqta' xewqti ________________ malajr. Minn dakinhar 'l hawn, kull ________________ ta' Ħadd, dejjem noħroġ ________________ biha. Jien noqgħod ________________ fil-parti tal-bandli li l-Kunsill Lokali għamel għalina d-dilettanti tar-roti. Miegħi jkun hemm ________________ tal-klassi u tgħidx kemm inħossuna ________________.

Minn mindu għandi r-rota nħossni aħjar għax qiegħed nagħmel l-eżerċizzju u ma nibqax imsakkar ġewwa quddiem it-televixin, DVD jew il-kompjuter.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*F. Imla l-vojt b'kelma waħda minflok il-kliem fil-parentesi.*
*L-ewwel waħda lesta.* ***(6 marki)***



Ġimgħa ilu, waqt li jiena u <u>ħabibti</u> **(il-ħabiba tiegħi)** konna fi ______________ (**it-triq tagħna**) lejn l-iskola, rajna inċident.
Raġel anzjan żelaq u spiċċa fl-art.
Aħna konna pronti u morna ________________ (**ngħinu lilu**).
Deher li kien kiser siequ għax ma setax ______________ (**iċaqlaq lilha**).
Ners li kienet għaddejja ______________ **(qalet lilna)** biex inċemplu għall-ambulanza u nħallu kollox f'______________ **(idejn tagħha).**
Dakinhar stess il-Kap tal-iskola ġiet fil-klassi u _____________ (**faħħret lilna**) talli waqafna ngħinu lil dak l-anzjan.

*Ġ. Imla l-vojt skont il-parentesi.* ***(8 marki)***

Wara **(l-artiklu)** _________ eżamijiet jibdew (**kelma bl-istess tifsira ta' vaganzi**) il- _________ tas-Sajf. Dejjem ikolli ________________ **(ikteb 700 fi kliem)** sena li jaslu.
Jiena u ħija **(għaqqad fi + il-)** ________________ vaganzi tgħidx kemm nixxalaw. **(Pronom minflok "Jien u ħija")** ________________ mmorru nqattgħu erbat **(il-plural ta' jum)** ________________ fil-villeġġjatura li għandna San Pawl il-Baħar.



Ngħumu filgħodu (**il-maqlub ta' tard)** ________________ u waranofsinhar noqogħdu naqraw xi ktieb tal-avventura jew naraw xi DVD.
Filgħaxija **(verb fl-imperfett mill-għerq GĦ-M-L)** ________________ xi barbikju għad-dawl tal-qamar.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*G. Aqra sewwa.*

*Ara x'hemm fil-parentesi.*

*Sib it-tweġiba t-tajba.*

***Wara imla l-vojt.*** **(8 marki)**

Is-sagħtar hija pjanta _______________ (*ikteb il-maqlub ta'* ***kbira***) li tikber f'forma ta' arbuxell. Tikber f'postijiet _______________ (*ikteb il-plural ta'* ***niexef***) u bi ftit ħamrija, fejn ftit pjanti oħra jirnexxilhom jibqgħu _______________ (*ikteb il-maqlub ta'* ***mejtin***).

Is-sagħtar huwa addattat perfettament għal dan it-tip _______________ (*agħżel minn* ***ta, ta', taha***) ambjent.

Il-weraq huwa żgħir ħafna u l-forma tiegħu tgħin biex l-ilma _______________ (*ikteb* ***jintilef*** *fin-negattiv*).

Waħda mill-karatteristiċi tas-sagħtar hija r-riħa tfuħ tiegħu. Il-fjuri ta'_______________ (*agħti sinonimu għall-kelma* ***kulur***) roża jiġbdu ħafna insetti lejhom, fosthom _______________ (*agħti l-plural ta'* ***farfett***) u naħal.

In-naħal jieħu n-nektar mill-fjuri tas-sagħtar lejn ix-xehda u minnu_______________ (*oħroġ verb fl-imperfett mill-verb* ***għamel***) għasel bnin li Malta hija magħrufa tant għalih. Hemm bżonn li l-ftit postijiet fejn jikber is-sagħtar nibżgħu għalihom u ma nħalluhomx jinqerdu.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

*GĦ. Ikteb komponiment ta' madwar 120 kelma dwar* ***wieħed*** *minn*
*dawn is-suġġetti:* **(20 marka)**

1. **Ħarġa ma' tal-iskola**

   *Għid meta mortu, fejn mortu u x'tgħallimt.*

   *Ikteb ukoll dwar x'għamilt meta mort lura l-iskola.*

2. **Kif inqatta' tmiem il-ġimgħa.**

   *Ikteb dwar x'tagħmel fi tmiem il-ġimgħa.*

   *Għid kif tqatta' l-ħin liberu tiegħek.*

3. **Jien għasfur**

   *Għid x'tip ta' għasfur int, fejn tgħix, x'avventuri sbieħ jew koroh tgħaddi minnhom u għid ukoll jekk din il-ħajja hix qed togħġbok jew le.*

4. **L-isbaħ jum f'ħajti**

   *Ikteb dwar il-jum li taħseb li hu l-isbaħ wieħed.*

   *Għid x'ġara, x'għamilt u għaliex hu l-aqwa jum f'ħajtek.*

5. **Kont id-dar infittex xi tagħrif minn fuq il-kompjuter …**

   *Kompli din l-istorja kif trid int. Ibda bil-kliem li jidher skur hawn fuq.*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

***Tmiem il-Karta***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers